MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR**
**RAPHAEL FENECH ADAMI**

Seduta tat-28 ta' April, 2006

Talba Numru. 19/2005

**Mile End Services Ltd**

**Vs**

**Carmel Briffa**

**It-Tribunal,**
Ra l-avviz prezentat fl-4 ta' Jannar, 2005 fejn is-socjeta` attrici talbet illi l-konvenut ghandu jigi kkundannat ihallas is-somma ta' sebgha mija u erbghin lira u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm740.27) rapprezentanti kwantum ghal somma ta' sitt mija u wiehed u ghoxrin lira u tmenin centezmu skond fattura datata 6 t'Awissu, 2004 kif jidher mid-dokument anness bhala Dok A. Il-kwantum ghas-somma ta' mija u tmintax-il lira u sebghin centezmu skond fattura datata 6 t'Awissu 2004 anness f'dan il-process bhala Dok B. It-tnejn li huma ma' konnessjoni ta' xogholijiet ta' tiswija fuq karozza u liema tiswija saret fuq inkarigu tal-konvenut.

Bl-ispejjez tal-ittra nterpellatorja datata 29 ta' Novembru, 2004 li tinsab esebita bhala Dok C u l-imghaxijiet dekorribli mis-6 t'Awissu, 2004 sad-data tal-pagament effettiv kontra l-konvenut minn issa ngunt ghas-subizzjoni.

Ra illi l-konvenut ghalkemm legalment notifikat baqa' ma pprezenta ebda risposta in kontestazzjoni.

Semgha x-xhieda ta' l-avukat Dr Luigi Sansone fejn ikkonferma li l-ammont mitlub mis-socjeta` attrici ghadu dovut sal-gurnata tal-lum.

Ghaldaqstant it-Tribunal qieghed jaqta' u jiddeciedi dan il-kaz billi jilqa' t-talbiet attrici u konsegwentament jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta' attrici s-somma kif mitluba ta' sebgha mija u erbghin lira u sebgha u ghoxrin centezmu (Lm740.27) bl-imghaxijiet dekorribli mis-6 t'Awissu, 2004 u bl-ispejjez kollha ta' din l-istanza kontra l-istess konvenut Carmel Briffa.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------